



20.9.2010

0070/2010

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar miżuri għall-ħarsien u l-konservazzjoni ta' siti ta' "Wirt Dinji" tal-UNESCO

**Paolo Bartolozzi, Leonardo Domenici, Niccolò Rinaldi, Helga Trüpel**

Data ta' skadenza: 20.12.2010

**0070/2010**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar miżuri għall-ħarsien u l-konservazzjoni ta' siti ta' "Wirt Dinji" tal-UNESCO**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Wirt Dinji, adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO fis-16 ta' Novembru 1972,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Kumitat għall-Wirt Dinji jelenka 890 sit ta' interess dinji f'148 pajjiż,
- B. billi, b'konformità mal-konvenzjonijiet tal-UNESCO dwar il-"Wirt Dinji", il-Parlament Ewropew jirrikonoxxi li siti dikjarati bħala ta' "Wirt Dinji" fl-Istati Membri tal-UE għandhom valur speċjali bħala simboli tal-identitajiet kulturali, ambjentali u tradizzjonali tal-Ewropa,
- C. billi jirrikonoxxi li s-siti tal-UNESCO jirrappreżentaw mudelli ta' ħarsien u valorizzazzjoni tal-"beni kulturali, ambjentali u tradizzjonali" tal-Unjoni u jservu wkoll biex jippromwovu kemm l-Ewropa u l-valuri edukattivi tagħha kif ukoll l-iżvilupp territorjali u ekonomiku kif ukoll tal-attivitajiet turistiċi,
1. jitlob lill-Kummissjoni tiegħu miżuri konkreti għall-ħarsien u l-konservazzjoni tas-siti Ewropej tal-UNESCO ;
  2. jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, bl-indikazzjoni tal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.